***Stqarrija Stampa mill-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza***

**Konferenza għall-Jum Internazzjonali tal-Mara 2019 tal-NCPE**

F'Malta 29% tal-maniġers huma nisa. Il-kawżi tan-nuqqas ta' rappreżentazzjoni tan-nisa f'dan il-qasam huma varji u jinkludu l-inugwaljanzi f'opportunitajiet bejn nisa u rġiel fl-avvanz fil-karriera. Fl-okkażjoni tal-Jum Internazzjonali tal-Mara, il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza (NCPE) ħolqot forum għal iktar diskussjoni biex tħares lejn il-passi li jmiss waqt il-Konferenza *"Avvanz fil-karriera: Opportunitajiet Ugwali?"*

Il-Jum Internazzjonali tal-Mara huwa ċelebrazzjoni tal-kisbiet tan-nisa u tax-xogħol li sar minn diversi atturi madwar id-dinja sabiex jissaħħu d-drittijiet tan-nisa. Hija ġurnata li fiha s-soċjetà tirrifletti wkoll dwar l-isfidi li għad għandhom bżonn jiġu indirizzati sabiex isaħħu lil dawk in-nisa li l-potenzjal tagħhom għadu ma ntlaħaqx minħabba ostakli u diskriminazzjoni fis-soċjetà.

Fl-indirizz tal-ftuħ, il-Ministru għall-Affarijiet Ewropej u l-Ugwaljanza Dott. Helena Dalli saħqet li għalkemm sar progress fi sferi differenti ta' governanza, bħal per eżempju fl-impjieg u l-edukazzjoni, ostakli differenti għadhom ixekklu l-bilanċ bejn il-ġeneri f'pożizzjonijiet ta' teħid ta' deċiżjonijiet. Il-Ministru Dalli irreferiet għall-miżuri prinċipali implimentati mill-Gvern bl-għan li jsaħħu s-sitwazzjoni tan-nisa fl-oqsma soċjali u ekonomiċi, bħal proviżjon ta' servizzi b'xejn għal kura tat-tfal, il-programm ta' wara l-iskola Klabb 3-16, il-*Breakfast club* u l-*Maternity Leave Trust*.

Tali miżuri rriżultaw f'żieda sostanzjali fir-rata tal-impjieg tan-nisa, li żdiedet b'rekord ta' 15.8% bejn 2013 u 2018[1]. Iżda, impenn b'saħħtu huwa meħtieġ biex nippromwovu responsabbiltjiet ugwali ta' kura bejn in-nisa u l-irġiel, skont l-għanijiet tad-direttiva proposta dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja. Bħala konklużjoni, il-Ministru Dalli saħqet dwar l-impenn tal-Gvern biex jissalvagwardja paga ugwali għal xogħol ugwali u biex tingħeleb id-differenza fil-pagi bejn in-nisa u l-irġiel, li mhux biss tħalli effett ħażin fuq l-indipendenza finanzjarja tan-nisa fl-étà ta' meta mara tkun taħdem imma wkoll waqt l-irtirar.

Il-Kummissarju tal-NCPE Renee Laiviera tat ħarsa lejn is-sitwazzjoni f'Malta rigward l-avvanz tal-karriera tal-mara. Minkejja l-parteċipazzjoni li dejjem qed tiżdied tan-nisa fis-suq tax-xogħol u l-kisbiet pożittivi fl-edukazzjoni, differenzi bejn in-nisa u l-irġiel għadhom evidenti fid-dinja tax-xogħol, f'pożizzjonijiet ta' teħid ta' deċiżjonijiet partikularment bħala maniġers u fuq bordijiet tal-kumpaniji, fil-paga, kif ukoll fir-responsabbiltajiet ta' kura familjali. Il-Kummissarju Laiviera saħqet li l-*glass ceiling* qed iżomm lin-nisa milli jkollhom pożizzjoni għolja fix-xogħol anke minħabba l-isterjotipi tradizzjonali li għadhom jeżistu u d-diskriminazzjoni. Is-Sinjura Laiviera ddeskriviet l-inizjattivi li għamlet l-NCPE biex issaħħaħ l-opportunitajiet ugwali, li jinkludu inizjattivi li se jindirizzaw id-differenzi bejn is-sessi matul il-ħajja bħala parti mill-proġett *Prepare the Ground for Economic Independence*; id-Direttorju ta' Nisa Professjonisti li jżid il-viżibbiltà tal-profili ta' nisa professjonisti minn oqsma differenti; u l-*Equality Mark* li tingħata lil entitajiet u kumpaniji pubbliċi u privati.

Id-Dottoressa JosAnn Cutajar, lettur anzjan tat preżentazzjoni fuq it-tifsira tad-differenza fil-paga bejn in-nisa u l-irġiel, il-kawżi tagħha u kif din id-differenza tvarja bejn setturi differenti partikularment

---

[1] NSO, Labour Force Survey. Differenza bejn Q3/2018 u Q3/2013.

f’pożizzjonijiet ta’ teħid ta’ deċiżjonijiet. Il-Professur Godfrey A. Pirotta analiza l-opportunitajiet ugwali fir-rikonċiljazzjoni tax-xogħol u l-ħajja familjali u l-avvanz tal-karriera; billi indirizza l-importanza tal-miżuri li jiffaċilitaw il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja u kif dawn jistgħu jħallu impatti pożittivi u negattivi fuq l-avvanz fil-karriera. Il-miżuri proposti fid-Direttiva l-ġdida dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għall-ġenituri u għall-persuni li għandhom ir-responsabbiltà tat-tfal u l-adulti, kienu preżentati ma’ rakkomadazzjonijiet f’dan ir-rigward.

Kisbiet personali fl-avvanz fil-karriera kienu diskussi ma’ membri tal-panel li ġejjin minn esperjenzi ta’ xogħol differenti, fejn ġew analizati d-diffikultajiet u s-suċċessi ta’ nisa u rġiel u x’għandu jsir biex jiġi msaħħaħ il-bilanċ tal-ġeneru f’dawn il-pożizzjonijiet; immexxi mis-Sur Mario Mallia. Barra minn hekk, panel ieħor magħmul minn rappreżentanti ta’ NGOs u msieħba soċjali, immexxi mis-Sa Claudine Cassar, spjegaw ir-rwol u x-xogħol tagħhom lejn il-kisba ta’ bilanċ bejn il-ġeneri f’pożizzjonijiet ta’ teħid ta’ deċiżjonijiet fil-post tax-xogħol, u kif dawn jindirizzaw kwistjonijiet relatati bħal rikonċiljazzjoni mar-responsabbiltà tal-familja u d-differenza fil-pagi bejn in-nisa u l-irġiel.

Din il-konferenza kienet opportunità biex jiġu analizzati iktar fil-fond, mal-imsieħba soċjali differenti, l-ostakli li hemm bżonn jiġu indirizzati biex tiġi żgurata l-ugwaljanza fl-avvanz fil-karriera kemm tan-nisa u anke tal-irġiel. L-NCPE se tieħu nota tal-kwistjonijiet imqajma mill-imsieħba soċjali kollha sabiex issaħħaħ il-ħidma tagħha u tqajjem iktar kuxjenza dwar l-ostakli li baqa’ fis-soċjetà.

**6 ta’ Marzu 2019**